MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 391/2011

**Ventur Company Limited**

**vs**

**Peter Montebello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tad-19 ta’ April 2011 li jghid hekk:

1. Illi fl-2002 is-socjeta' attrici bieghet vettura tal-ghamla Mitsubishi RVR lill-konvenut intimat bin-numru ta' registrazzjoni KBE 814 u dan versu l-prezz ta' sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6300) ekwivalenti ghal erbatax-il elf sitt mija disgha u sebghin ewro (€14,679);

2. Illi ghalkemm il-konvenut intimat ha fil-pussess tieghu l-imsemmija vettura tal-ghamla Mitsubishi RVR it-transfer tal-imsemmija vettura minn fuq is-socjeta' attrici ghal fuq l-konvenut intimat baqa' ma sarx;

3. Illi ghalkemm il-konvenut intimat gie interpellat diversi drabi mis-socjeta' attrici sabiex jersaq u jiffirma t-transfer tal-vettura in kwistjoni u dan permezz ta' diversi ittri legali u anke ittra ufficjali huwa baqa' inadempjenti;

4. Illi s-socjeta' attrici intavolat kawza fl-ismijiet 'Ventur Company Ltd vs Peter Montebello' quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati Malta, bir-rikors numru 200/08CSH sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' hdax-il elf mija hamsa u sittin ewro (€11,165) multi li gew indirizzati lis-socjeta' attrici wara li l-istess konvenut naqas milli jaghmel transfer tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBE 814 minn fuq l-istess socjeta' attrici ghal fuqu u permezz ta' sentenza datata 22 ta' Frar 2011 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet it-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut intimat;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna lill-konvenut intimat sabiex jersaq ghat-transfer tal-vettura tal-ghamla Mitsubishi RVR bin-numru ta' registrazzjoni KBE 814 minn fuq socjeta' attrici ghal fuq l-istess konvenut intimat;

2. Tiffissa jum, hin u lok ghall-istess transfer tal-vettura tat-ghamla Mitsubishi RVR bin-numru ta' registrazzjoni KBE 814 minn fuq is-socjeta' attrici ghat fuq il-konvenut intimat u dan bin-nomina ta' kuraturi deputati biex jidhru ghat eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat ingunt in subizzjoni,

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi r-rikors tal-attur ma jghidx illi l-prezz intier thallas ghall-vettura: dan qed jinghad ghaliex inizjalment kien hemm pretensjoni attrici li ma thallasx, imma imbaghad accettat li thallas;

2. Illi l-esponent jichad bil-qawwa kollha li qatt gie interpellat jersaq ghat-trasferiment: tant rnhux hekk illi huwa kien kiteb lill-awtoritajiet kompetenti dak iz-zmien il-Kummissarju tal-Pulizija, u l-Awtorita' dwar it-Trasport (ADT) bid-diffikultajiet minnu inkontrati biex isir it-transfer; is-sekwenza ta' fatti kienet illi l-attrici kienet inizjalment irrifjutat it-trasferiment fuq pretest ta' nuqqas ta' hlas mill-konvenut, izda sussegwentement meta intwerew ic-cheques u l-prova tal-pagament, din l-oggezzjoni giet irtirata;

3. Illi kwantu ghall-kawza deciza, ir-rikors promotur huwa inkomplet in kwantu hemm Appell appuntat ghall-11 ta' Ottubru 2011, Avviz Nru 200/08RCP quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri);

4. Illi fil-fatt, apparti din il-vettura, l-esponenti kien xtara, hallas u ha konsenja ta' tliet vetturi ohra li fuqhom sar trasferiment;

5. Illi l-esponenti ghalhekk, filwaqt illi jaccetta li jsir it-trasferiment, jinsisti illi dan ikun liberu u frank, minghajr pizijiet u responsabilitajiet ta' multi: ghalhekk ghadu prematur illi jaghti kunsens inkondizzjonatament. Dan ghaliex is-socjeta' attrici ghamlet hafna snin li ma tridx tersaq ghat-trasferiment u gew akkumulati hafna multi, peress illi ma setax isir it-trasferiment, u lanqas tithallas licenzja f'isem l-esponenti ghaliex l-attrici irrifjutat illi tersaq ghat-trasferiment;

6. Illi l-esponenti qed iqis illi din hija procedura inutili u ghalhekk jipprotesta ruhu kontra l-ispejjez. L-esponenti qieghed ukoll jipprotesta minn issa u ma jaccettax kwalunkwe multi amministrattivi jew xort'ohra li tista' tinghata minhabba d-dewmien li l-licenzja tal-vettura ma thallsitx kawza li l-attrici ma ghamlitx it-transfer. Kull oggezzjoni hija riservata;

Rat il-verbal tal-Qorti tas-27 ta' Ottubru 2011 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li l-konvenut dejjem kien u ghadu pprepart jersaq ghat-trasferiment tal-vettura minghajr pregudizzju pero ghall-ezitu tal-kawza bejn l-istess partijiet (Avviz 200/2008CSH) differit ghas-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tas-socjeta' attrici li rrilevat illi biex jinghata l-permess tal-awtoritajiet ghat-trasferiment iridu jithallsu l-multi pendenti, kwistjoni kontestata bejn il-partijiet bil-kawza fuq citata;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-mertu preciz ta' din l-azzjoni bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet rigward kwistjonijiet ohra konnessi mal-bejgh u trasferiment tal-vettura;

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza ma hi limitata b'ebda kontrotalba u sa fejn iwasslu l-premessi u talbiet attrici hemm l-adezjoni tal-konvenut li dan it-trasferiment tal-vettura Mitsubishi RVR numru KBE 814 ghandu jsir.

Din il-Qorti tapprezza illi jista' jkun li in prattika nonostante sentenza affermattiva ta' din il-Qorti ghat-trasferiment, dan jista' ma jkunx possibbli minhabba legislazzjoni ad hoc koncernanti trasferiment ta' vetturi.

Madankollu din il-Qorti tqis illi safejn hu mitlub mis-socjeta' attrici, ma hemm ebda ostakolu ghal din il-Qorti li tilqa' t-talba, meta l-vettura effettivament giet mibjugha mil-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna t-trasferiment tal-vettura KBE 814 min fuq is-socjeta' attrici ghal fuq il-konvenut u tilqa' t-tieni talba attrici b'dan li t-trasferiment ghandu jsir entro xahar minn meta l-kawza bl-ismijiet Ventur Company Limited vs Peter Montebello numru 200/2008CSH tigi deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, u bin-nomina tal-avukat Dottor Mark Mifsud Cutajar bhala kuratur ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut li jidher ghat-trasferiment.

Bl-ispejjez tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u l-ispejjez tal-kuratur ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------